MT

TEATRU MALTA

# MUSICAL IN THE DARK

SEJĦA GĦALL-PERFORMERS TAL-VUĊI

teatrumalta.org.mt

## Dwar ix-xow

L-istess tim li ħoloq is-serje *Panto in the Dark*, rebbieħ ta' varji premji, issa qed joffrilkom musical eċċitanti ġdid fjamant li se jittella' fid-dlam, miktub minn Vikesh Godhwani, Marta Vella u Luke Saydon.

**Gawgaw: A Panto in the Dark**
*Ritratti ta' Darren Agius*



## Dwar it-tim kreattiv

**Vikesh Godhwani**
Kitba u Direzzjoni

Vikesh Godhwani huwa direttur tat-teatru freelance, kittieb, produttur u faċilitatur tal-workshops u l-ko-direttur artistiku ta' Chalk Line Theatre, ibbażat f'Londra. Vikesh ħadem bħala assistent produttur għal China Plate u l-krediti ta' produzzjoni freelance tiegħu jinkludu *Santi & Naz* (The Thelmas) u *She Sells Sea Shells* (Scandal & Gallows Theatre). Il-krediti tad-direzzjoni tiegħu jinkludu s-serje *Panto in the Dark* (Teatru Malta, Spazju Kreattiv), *Fab Fantasy Fables with Chucky* (Żigużajg) u *The Nobodies* (Vault Festival, tour fir-Renju Unit, The Pleasance, London u Spazju Kreattiv, Malta). Vikesh għandu Masters in Arts and Cultural Management minn King's College London, huwa riċevitur tal-borża ta' Stage One, riċevitur tal-Malta Arts Award u dan l-aħħar ġie nnominat għal OffFest Award u rebaħ Standing Ovation Award fir-Renju Unit għal *The Nobodies*.

**Marta Vella**
Kitba u Direzzjoni

Marta Vella tħarrġet fir-Royal Academy of Dramatic Art f'Londra. L-aktar proġett riċenti tagħha kien *Everything That Rises Must Dance* ta' Complicité. Krediti oħra jinkludu Akakiy f'*The Overcoat* (Scandal and Gallows), The Queen of Hearts f'*Alice's Adventures Underground* (Les Enfants Terribles), Woman f'*Then The Square Grew Dark* (Bloomsbury Theatre), Mother Courage f'*Mother Courage and Her*



(ikompli) →

*Children*, Helen of Troy f'*The Women of Troy* u Rebekka West f'*Rosmersholm* (RADA). Kitbet u dderieġiet ukoll is-sensiela *Panto in the Dark* ma' Teatru Malta li tant ġiet milqugħa tajjeb mill-kritika u li għaliha rebħet il-Premju għall-Aħjar Innovazzjoni fil-Malta Arts Awards. Fl-2019 tħarrġet ma' Anne Bogart u s-SITI Company f'Suzuki u Viewpoints fi Skidmore College, Saratoga Springs, New York. Marta hija wkoll id-direttur tal-Festival ta' ŻiguŻajg International Arts Festival for Children & Young People u artist assoċjat ma' Teatru Malta.

**Luke Saydon**
Mużika u Lirika

Luke huwa kompożitur, direttur mużikali u prattikant tat-teatru minn Malta, rebbieħ ta' bosta premji, bħalissa bbażat f'Londra. Jaħdem ma' organizzazzjonijiet, fosthom The Old Vic, V&A Museum, Museum of London u British Library. Luke kien id-direttur mużikali għal Chickenshed Theatre Company f'Kensington & Chelsea, Some Voices u Wyllyotts Theatre. Il-musical *HUSH* tiegħu ttella' fit-Teatru Manoel bħala parti minn Belt Valletta: Kapitali Ewropea tal-Kultura f'Marzu 2018. Il-produzzjoni rebħet tliet Premji Nazzjonali għall-Arti Maltin: għall-Aħjar Produzzjoni, għall-Aħjar Xogħol għal Udjenzi Żgħażagħ u għall-Aħjar Artist Żgħażagħ. L-aħħar xogħol tiegħu *The Naughty Carriage on the Orphan Train* kien parti minn BEAM ġewwa Hackney Empire, il-vetrina ewlenija tar-Renju Unit ta' teatru mużikali Ingliż ġdid. Krediti tal-kompożizzjoni oħra jinkludu *Polly & Esther* (Żigużajg), *Dear Future Me* (Battersea Arts Centre), *The Indispensable Hero* (Chelsea Theatre), *The Changing Room* (UK National Theatre Connections Festival), *Trumpets & Raspberries* (Chickenshed), *Tales from the Shed* (Old Vic), *V&A Pink Floyd Exhibition* (V&A Museum), *The Indispensable Hero* (The Lyric Theatre), *The Story of Stories* (The Lyric Theatre), *Ernest & The Pale Moon* (Malta Society of Arts) u *The Three Sunsets* (Teatru Manoel).

**Matteo Depares**
Disinn tal-Ħoss

Matteo huwa produttur u kompożitur tal-mużika Malti li ġie nnominat għall-premjijiet fuq bażi ta' klijentela internazzjonali. Jispeċjalizza fil-mużika pop u għandu esperjenza sinifikanti ta' xogħol fuq produzzjonijiet teatrali, avvenimenti u branding tal-awdjo. Matteo saħħaħ is-sengħa tiegħu waqt li kien qed jistudja għal MA in Songwriting and Production fl-Università ta' South Wales f'Cardiff, ir-Renju Unit u ilu jaħdem f'dan il-qasam għal dawn l-aħħar 5 snin.

Matul dan iż-żmien, ħadem fuq numru ta' proġetti kbar, fosthom iċ-ċerimonja tal-ftuħ ta' Valletta 2018: Kapitali Ewropea tal-Kultura u l-finali ta' X Factor Malta. Ix-xogħol tiegħu ma' artisti fl-industrija Maltija wasslet għal bosta chart placements u nominazzjonijiet għall-premjijiet, inkluż dik ta' Best Producer fl-LMAs tal-2019. Kien parti mit-tim li ħadem fuq materjal għal artisti lokali bħal Amber, Maxine, Owen Leuellen u Gaia Cauchi u artisti internazzjonali bħal imallryt u Uma Nite.


(ikompli) →

## Lil min qed infittxu?

Matteo għamel isem ukoll fil-qasam tal-kompożizzjoni, id-disinn tal-ħoss u l-produzzjoni tal-mużika għat-teatru. Il-krediti tiegħu jinkludu *The Lord of the Flies* (TMYT/ToiToi), *Shirley the Sheep* (ToiToi), *2044* (Żigużajg), *Rapunzella* (ŻiguŻajg) u *The Girl in the Machine* (Spazju Kreattiv).





Qed infittxu talenti ta' kull età 'l fuq minn 18-il sena, b'ħiliet tajba fir-reċtar u l-kant. Aħna determinati li jkollna casting b'diversità, inklużiv u awtentiku. Inħeġġu ħafna lill-artisti li huma visually impaired biex japplikaw. Għal kull rwol, se nqisu artisti kwalifikati, mingħajr ma nħarsu lejn diżabilità, razza, età, kulur, oriġini nazzjonali, reliġjon, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru.

L-applikanti jridu jkunu atturi/kantanti li:

- għandhom background b'saħħtu fit-teatru mużikali;
- kapaċi jgħatu vuċi lil karattri ta' firxa ta' etajiet differenti;
- jifhmu d-direzzjoni malajr;
- għandhom ħila jagħmlu aċċenti differenti;
- jkantaw b'kunfidenza f'armonija; u
- kapaċi jaqraw il-mużika.

Il-parteċipanti se jkunu meħtieġa wkoll:

- jfassalu xeni li jeħtieġu foley;
- jilbsu ilbies komdu minħabba n-natura fiżika tax-xogħol; u
- jippreżentaw ċertifikat validu tat-tilqim kontra l-Covid-19.

TEATRU MALTA

## Rwoli

**Attur tal-Vuċi #1**
Il-ġeneri kollha, età: 18–35
Sopran (C4 sa G5). Meħtieġa biex ikantaw kemm fir-rwoli ta' karattri kif ukoll bħala parti minn korali ta' ensemble.

Kwalitajiet tal-vuċi mixtieqa: Ir-rwol ewlieni tas-sopran jeħtieġ seħer, inġenwità, entużjażmu u sens ta' avventura fil-vuċi. It-ton għandu jkun ċar, ta' stil edgy u qawwi. Il-vuċi trid tagħti l-ħajja b'mod konvinċenti lil karattru ta' tifel b'tali mod li jidher onest u mhux karikatura.

**Attur tal-Vuċi #2**
Il-ġeneri kollha, età: 18–70
High Alto/Mezzo Soprano (G3 sa F#5). Meħtieġa biex ikantaw kemm fir-rwoli ta' karattri kif ukoll bħala parti minn korali ta' ensemble.

Kwalitajiet tal-vuċi mixtieqa: Ir-rwol ewlieni tal-alto/mezzo jeħtieġ maturità, umoriżmu u kwalità nostalġika fil-vuċi. Il-vuċi trid tagħti l-ħajja b'mod konvinċenti lil karattru fi xjuħitu. It-ton tal-vuċi jista' jkun b'diversi sfumaturi, maħnuq, pekuljari, mimli, iżda konfortanti kull kif.

**Attur tal-Vuċi #3**
Il-ġeneri kollha, età: 18–70
Tenur. (C3 sa A4). Meħtieġa biex ikantaw kemm fir-rwoli ta' karattri kif ukoll bħala parti minn korali ta' ensemble.

Kwalitajiet tal-vuċi mixtieqa: Ir-rwol tat-tenur prinċipali jeħtieġ kwalità misterjuża, mitika u rilassanti. It-ton tal-vuċi idealment ikun leġittimu, formali u liriku ħafna.

**Attur tal-Vuċi**
Il-ġeneri kollha, età: 18–70
Baritonu. (A2 sa F#4). Meħtieġa biex ikantaw kemm fir-rwoli ta' karattri kif ukoll bħala parti minn korali ta' ensemble.

Kwalitajiet tal-vuċi mixtieqa: Ir-rwol ewlieni tal-baritonu jeħtieġ maturità, emozzjoni u passjoni. It-ton tal-vuċi idealment ikun leġittimu, joffri wens u romantiku.

## Informazzjoni dwar il-provi

**Qari:** Ġurnata f'nofs Diċembru

**Ġranet ta' provi:** Mit-Tnejn, 3 sal-Ħadd, 23 ta' Jannar (jumejn mistrieħ fil-ġimgħa)

L-atturi se jkunu meħtieġa fuq bażi full-time (il-ġurnata kollha, 10am–6pm)

**Post:** Esplora Science Centre, Malta

**Dati:** Jannar 2022 (provi) u Awwissu 2022 (premiere)

## Rekwiżiti għas-Sottomissjoni

**Kif tagħmel awdizzjoni?**
Jekk jogħġbkom, ippreparaw self tape b'introduzzjoni qasira dwarkom infuskom u nkludu:

- kanzunetta tat-teatru mużikali mhux itwal minn minuta għal akkumpanjament/backing;*
- test imwettaq b'aċċent RP;**
- test imwettaq b'aċċent tal-għażla tiegħek.**
- Jekk tixtiequ, inkludu kwalunkwe ħaġa oħra interessanti li tafu tagħmlu bil-vuċi tagħkom (ħsejjes tal-annimali, sfx, beatboxing, eċċ.).

It-testi jistgħu jinstabu fl-aħħar ta' dan id-dokument.

**Informazzjoni addizzjonali**
Jekk tixtiequ tiġu kkunsidrati għal rwol tal-vuċi speċifiċi kif spjegat hawn fuq, iddikjaraw dan fil-vidjo tiegħkom u agħżlu kanzunetta li toħroġ bl-aħjar mod il-kwalitajiet mixtieqa msemmija hawn fuq.

*Agħżel kanzunetta li turi bl-aħjar mod il-kant u r-reċtar tiegħek permezz tal-abbiltajiet tal-kanzunetta. Mhux rakkomandabbli li tagħmlu awdizzjoni b'kanzunetti minn jukebox jew heavy rock musicals.

**It-testi jintbagħtulkom wara li tiġi sottomessa l-applikazzjoni tagħkom. L-interpretazzjoni tagħkom għandha tkun ta' natura kuntrastanti biex turina l-ħiliet tagħkom.

Jekk jogħġobkom ibgħatu filmat wieħed li jinkludi dak kollu msemmi hawn fuq. Dan m'għandux ikun itwal minn tliet minuti.

**Skadenza għall-applikazzjoni**
Jekk intom interessati, jekk jogħġbkom, ibgħatu dan ta' hawn fuq, flimkien mas-CV u headshot tagħkom permezz ta' email fuq contact@teatrumalta.org.mt sa **mhux aktar tard mis-6pm tal-Ġimgħa, 3 ta' Diċembru, 2021**.

**Riżultati:** L-applikanti se jiġu notifikati bir-riżultat tagħhom sal-Ġimgħa, 10 ta' Diċembru 2021.



MT

TEATRU MALTA

# MUSICAL IN THE DARK

TESTI TAL-AWDIZZJONI

Grazzi talli urejtu l-interess tagħkom għall-awdizzjoni għal *Musical in the Dark*. Jekk jogħġobkom, agħżlu żewġ testi mis-siltiet t'hawn taħt biex tirrekordjaw għall-awdizzjoni tagħkom. Wieħed mit-testi għandu jitwassal f'RP u l-ieħor f'aċċent tal-għażla tagħkom. L-interpretazzjoni tagħkom għandha tkun ta' natura kuntrastanti biex turina l-kwalitajiet tagħkom. Inħeġġukom tużaw vuċijiet differenti għal kull silta.

**Test 1**

Dear friends and family, we are lucky to be gathered here today. Like a wolf in a sheep's clothing, evil sometimes takes the form of the familiar. A man we all trusted and elected to be our Mayor has betrayed and deceived us all. He made us believe that we had to be scared of someone just because they don't look like us. He fed us lies and convinced us to be scared of a monster that doesn't exist. Turns out the real monster was him. But good always triumphs over evil. Love trumps hate.

**Test 2**

"I remember him. Lecturing at the university"
"Yeah - labs filled to the brim with eager students listening to his captivating voice"
"I love him! He's soooo amazing"
Eugh. Makes me sick to my stomach. I'd just be left alone playing with my flask because no one would turn up to my lectures. He was bright and charming. Everyone liked him, he didn't even need to try. And then days short of his 35th birthday rumours start swirling that he was onto something. Something that would change the world.



(ikompli) →

**Test 3**
Once upon a time, there was a woman and her 15 year old daughter who lived in a small house by the sea. The house was falling apart; it needed a lot of work but money was sparse since the father died, and luck seemed to be reserved for the rich in their village. With rent prices getting higher and higher, it was getting harder and harder for this single mother to make ends meet. With rent due that day, not nearly enough money to pay for it and Christmas just around the corner, this family was about to end up on the streets for the holidays.

**Test 4**
It's 11.30pm. Is it too early to go outside? Maybe I should wait another 15 minutes. Maybe this is going to be nothing. I'll go to the phone booth and I'll just wait and nothing will happen.
Or what if mum shows up at the phone booth and we both come back home and that's it.
It will all be over.

It's 11.45. I sneakily go down the stairs. AH! I hear a noise upstairs. I freeze for a moment. It's nothing. I slowly open the front door. I go up to the phone booth and stand right beside it.
I open my bag and take out the scarf I got for my birthday. It's cold. And then I wait.

Ring, riiiiing! Oh my—someone's calling!

**Test 5**
Why do they want us to forget? Because they want us to be ignorant. They want us to be ignorant so they can control us. They want us to be ignorant for us to forget what it's like to feel. To feel pain. To feel anger. To feel joy. Real joy. Not the kind that's imposed by them. We won't let them erase our story. They have no right. Everything that has happened to us in our lives. The good and the bad. Everything that has happened in the world. That is a part of us. Take that away and we are only shells. Empty shells!

**Test 6**
I feel like parents in literally every generation before ours just needed to make sure their kid was fed sometimes. Whilst being a parent in 2018 means you need to make sure that your children's academic, emotional, psychological, mental, spiritual, physical, nutritional and social needs are met while being careful not to overstimulate, under stimulate, improperly medicate or neglect them in a screen-free, processed foods-free, GMO-free, negative energy-free, plastic-free, body positive, socially conscious, egalitarian but also authoritative, nurturing but fostering of independence, gentle but not overly permissive, multi-lingual home ideally with an outdoor space and also... don't forget the coconut oil.